MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 1021/2011

**Jesmond Zammit**

**Vs**

**JAJ Company Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-9 ta' Dicembru, 2011 fejn l-attur talab illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata

thallas l-attrici s-somma ta’ tlett elef, erbgha mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) liema ammont huwa dovut bhala hlas ta’ *period notice,* arretrati ta’ paga, hlas ta’ *overtime, statutory bonus, weekly allowance u vacation leave* u kwalunkwe ammont iehor talvolta dovut lil esponenti mis-socjeta intimata in konnessjoni mal-impjieg tal-esponenti bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal- konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tieghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tad-9 ta’ Jannar, 2012 u lanqas tal-20 ta’ Jannar, 2012, u lanqas ghas-seduta tat-13 ta’ Frar, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tat-13 ta’ Frar, 2012 u filfatt is-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ha in konsiderazzjoni illi l-attur fix-xhieda tieghu iddikjara illi filfatt l-ammont li ghandu jiehu huwa ta’ tlett elef tlett mija u tlieta u disghin Ewro u

hamsa u tmenin centezmu (€3,494.06) u ghalhekk l-ammont mitlub fl-avviz gie ridott ghal din is-somma.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lil attur s-somma ta’ tlett elf tlett mija u tlieta u disghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,393.85) flimkien mal-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------